**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Edgar Ellul, detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 812055M;**

**Edmond Camilleri, detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 249070M;**

**Stephen Borg, detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 344278M;**

**Elton Cauchi, detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 515478M;**

**Anthony Caruana, detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 299666M;**

**Charles Caruana, detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 51377M,**

**u**

**Trevor Vella, detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 412175M.**

*Numru: 204/2021*

Illum, 17 ta' Mejju, 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputati **Edgar Ellul, Edmond Camilleri, Stephen Borg, Elton Cauchi, Anthony Caruana, Charles Caruana u Trevor Vella,** u cioe` talli:

> Nhar il-21 ta' Ġunju, 2018 ghal ħabta tad-11.15p.m. waqt li kienu fit-Triq Guze D' Amato, Xewkija, kantuniera ma' Triq San Bert, Xewkija, u/jew fil-viċinanzi :
>
> 1. Ħarqu logħob tan-nar u cioe' stoppini ta' dijametru akbar minn ċentimetru u dan bi ksur tal-Tieni Skeda B(d) tal-L.S. 33.03.
>
> 2. U aktar talli fil-istess data, hin, lok u ċirkostanzi b'nuqqas ta' ħsieb, jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila [sic] jew professjoni tagħhom, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku, ikkaġunaw offiża ta' natura gravi fuq il-persuni [ta] Nigel Apap skond ma ċċertifika Dr. J.K. Soler, M.D. Reg. No.2418.
>
> Il-Qorti ġiet ġentilment tiġi mitluba sabiex tissospendi kull liċenzja tan-nar tal-imputat fil-kors ta' dawn il-proċeduri u dan skond l-Artikolu 26B tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> Il-Qorti ġiet ġentilment tiġi mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija tirrevoka l-liċenzja jew liċenzji tan-nar maħruġin skont din l-Ordinanza dwar l-Esplożivi u kif ukoll il-qorti għandha b'żieda ma' kull piena oħra, fis-sentenza għandha tapplika l-Artikolu 45A(1)(a) jew 45A( 1)(b) tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta kif inhu l-każ.

Illi qabel xejn irid jingħad illi għalkemm din il-kawża tirrigwarda reati li allegatament seħħew f'Ġunju, 2018, l-istess kawża ġiet mismugħa minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, ġiet miżmuma nhar il-11 ta' Marzu, 2022.

Ikkunsidrat,

<u>Preliminari</u>

Illi mill-atti jirrizulta li l-imputati oriġinarjament gew addebitati bl-ewwel imputazzjoni biss, u ġew notifikati biha kif ġej: Elton Cauchi fl-4 t'April, 2021; Edgar Ellul fid-9 t'April, 2021; Charles Caruana mhux magħruf meta ġie notifikat peress li r-referta ma tindikax data; Stephen Borg, Edmond Camilleri, u Anthony Cauchi fl-14 t'April, 2021 u Trevor Vella fil-24 t'April, 2021.

Illi fl-ewwel seduta miżmuma minn din il-Qorti diversament preseduta, il-prosekuzzjoni ppreżentat imputazzjoni ġdida; dik ta' offiża gravi involontarja fuq Nigel Apap. Dan seħħ fl-20 t'April, 2021 u l-imputati taw wriehom bħala notifikati bl-imputazzjonijiet kif emendati.[1] Skond ix-xiehda tal-uffiċjal prosekutur dan seħħ wara li *"l-avukat kien bgħatli biex inżid l-akkuża ta' ġrieħi gravi, u dak konna emendajna l-akkuża fis-seduta tal-għoxrin (20) ta' April tas-sena l-oħra"*.[2]

<u>L-Ewwel Imputazzjoni</u>

L-ewwel imputazzjoni hi dik kontemplata bir-regolament 14(b) tar-***Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Xogħlijiet tan-Nar u Esplożivi oħra***, Ligi Sussidjarja 33.03, li fi żmien li seħħ ir-reat kien jaqra:

> 14.Ħadd ma jista' jaħraq xogħlijiet tan-nar minn xi post kemm-il darba -............
> (b) fil-ħruq ta' xogħlijiet tan-nar minn post approvat, jissodisfa d-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Ewwel u fit-Tieni Skedi;

It-Tieni Skeda fil-Partita B(d) tagħha bl-Avviż Legali 243 tal-1998 kienet taqra hekk:

> Stoppini ta' **mhux iżjed minn ċentimetru dijametru** li jinħarqu minn distanza ta' mhux anqas minn erba metri 'l ġewwa mill-faċċata.

Bl-Avviż Legali 205 tal-2014 ġiet emendata It-Tieni Skeda. Il-paragrafu numru 16 ta' dan l-Avviż Legali pprovda:

> (a) il-paragrafu (d) tas-Sezzjoni B tagħha, minnufih wara l-kelma "dijametru" għandhom jiżdiedu l-kliem "kif ukoll il-prodott magħruf bħala Chinese Cake, bil-kundizzjoni li tali Chinese Cake jkun ta' dijametru ta' mhux iżjed minn 3 ċentimetri"

Kien biss bl-Avviż Legali 264 tal-2019 li nsibu d-dispożizzjoni li għadha applikabbli llum u dan wara li il-paragrafu 3 ta' dan l-avviż legali issostitwixxa il-partita B(d):

> 3.Il-partita B(d) tat-Tieni Skeda tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej;
>
> "(d) Stoppini, Chinese Cakes u xogħlijiet tan-nar simili, bil-kundizzjoni li jkunu ta' dijametru ta' mhux iżjed minn 3 ċentimetri. Dawn għandhom jinħarqu minn distanza ta' mhux anqas minn erba' metri 'l ġewwa mill-faċċata.".

Għalhekk f' Ġunju, 2018, il-para (d) tal-Partita B tat-Tieni Skeda intestata *'Nar permess ta' fuq il-bjut'* kien jaqra hekk:

---

[1] Fol.4

[2] Xiehda Spettur Bernard Spiteri 30 ta' Marzu, 2022

> **Stoppini ta' mhux iżjed minn ċentimetru dijametru** kif ukoll il-prodott magħruf bħala Chinese Cake, bil-kundizzjoni li tali Chinese Cake jkun ta' dijametru ta' mhux iżjed minn 3 ċentimetri

Ir-**Regolamenti** ***dwar il-Kontroll ta' Xogħlijiet tan-Nar u Esplożivi oħra,*** Avviż Legali 243 tal-1998, Ligi Sussidjarja 33.03, gew promulgati bis-setgħa mogħtija lil Ministru ta' l-Intern bl-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar l-Esplożivi, Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 31 tal-Ordinanza jipprovdi:

> 31.Kull min jikser ir-regolamenti magħmulin taħt l-artikolu 22 jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fl-artikolu 30 jekk ir-reat ikun kontra regolament dwar il-ġarr ta' porvli jew ta' esplożivi, jew il-piena msemmija fl-artikolu 29 jekk ir-reat ikun kontra regolament dwar il-ħwejjeġ l-oħra msemmijin fl-artikolu 22.

L-artikolu 29 tal-Ordinanza jgħid:

> Kull min, kontra d-dispożizzjonijiet tat-Taqsima I ta'din l-Ordinanza, iżomm fid-dar tiegħu jew f'post ieħor, jaħdem, ibigħ jew joffri għal bejgħ, jew jikkunsinna lill-persuni mhux awtorizzati, porvli tal-isparar jew xi waħda mis-sustanzi l-oħra msemmijin fl-artikolu 6, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tal-priġunerija għal żmien ta' bejn sitt xhur u sentejn jew multa ta' mhux anqas minn ħmistax-il elf euro (€15,000) u mhux iżjed minn ħamsin elf euro (€50,000), jew għal dik il-priġunerija u multa flimkien.

Għalhekk u skond dak kontemplat bl-artikolu 688(d) tal-Kodiċi Kriminali, l-azzjoni kriminali għar-reat ravvizat bl-ewwel imputazzjoni jiġi preskritt bl-egħluq ta' ħames snin.

Mill-banda l-oħra l-artikolu 687(2) tal-Kodiċi jipprovdi li

> Iż-żmien ta' preskrizzjoni għar-rigward ta' kull reat kriminali għandu jkun sospiż mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkuża jiġu notifikati lill-persuna akkużata jew imputata sa dak iż-żmien meta tingħata sentenza finali u definittiva fil-proċedimenti li jkunu inbdew bħala riżultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuża.

M'hemmx dubbju li l-imputati kollha gew notifikati bl-imputazzjoni sal-20 t'April, 2021 tenut kont li dawn kollha dehru għall-ewwel seduta, meta ġiet sostitwita l-akkuża oriġinali.[3]

Għalhekk l-ewwel imputazzjoni ma tistax titqies li ġiet preskritta għaliex l-imputati gew notifikati biha *entro termine.*

[3] Fol.4

Mir-relazzjoni tal-espert Surġent Patrick Vella, maħtur fil-kors tal-inkjesta maġisterjali nru. 304/2020[4], ġie kkonstatat[5] li l-istoppini li nħarqu mill-imputati fuq il-bjut kienu jeċċedu d-dijametru ta' ċentimetru (1cm) w għalhekk ġiet vjolata d-dispożizzjoni misjuba fil-para (d) tal-Partita B tat-Tieni Skeda tar-**Regolamenti *dwar il-Kontroll ta' Xogħlijiet tan-Nar u Esplożivi oħra***, Avviż Legali 243 tal-1998, Ligi Sussidjarja 33.03.

**PS 664 Jason Xerri** fl-*affidavit* tiegħu jiddikjara li meta l-pulizija aċċediet ġo l-għalqa fejn kien qed jinħaraq in-nar kien hemm l-imputati Stephen Borg u Edmond Camilleri.[6] Il-**Current Inċident Report**[7] ikkonfermat b'*affidavit* ta' L-**Ispettur Matthew Grech**,[8] jsemmi li fl-għalqa fejn kien qed jinħaraq in-nar kien hemm preżenti l-imputati Trevor Vella, Charles Caruana Anthony Caruana a u Elton Cauchi.[9]

L-espert Vella jagħmel dikjarazzjoni oħra li hi t'importanza u cioe li meta inħaraq in-nar Edgar Ellul, il-persuna liċenzjata w *"risponsabbli mix-xogħlijiet tan-nar in kwistkjoni li fuqu nħarġu l-permessi meħtieġa mill-pulizija biex ikun jista jinħaraq in-nar.... ma kienx preżenti fuq il-post meta sehh l-inċident."*[10]

**Edmond Camilleri** jikkonferma li kien hu li kien qed jaħraq in-nar *"f'daqqa waħda ġie wieħed mill-grupp tan-nar tagħna u qalli biex nitfi l-module tas-sistema li kienet qegħda taħraq in-nar. Jiena tfejt il-module mill-ewwel"*.[11] Daqstant ieħor **Stephen Borg** li xehed hekk quddiem l-espert tekniku: *"Il-bieraħ ghall-ħabta tal-11pm **bdejna naħarqu n-nar** li kellna armat fuq l-iscaffoldings li kienu gholja 4 metri. **In-nar li konna qeghdin naharqu** kien kollu bil-permess meħtieġa u l-qisien tagħhom kienu kollha konformi mal-Ligi"*.[12]

Mill-banda l-oħra, **Anthony Caruana** jixhed li hu ma kienx qed jaħraq nar iżda xogħolu kien iżomm nies milli jgħaddu minn fuq il-bankina waqt il-ħruq tan-nar u dan biex tinżamm id-distanza w in-nies ikunu mbegħdin mill-periklu.[13] Anke **Elton Cauchi** kien inkarigat iżżomm in-nies milli tgħaddi minn fuq il-bankina biex tinżamm distanza meħtieġa minn fejn beda jinħaraq in-nar.[14]**Trevor Vella** jixhed li fil-ħin li beda jinħaraq in-nar hu kien man-nies u

[4] Fol.25 et seq
[5] Fol.50
[6] Fol.8
[7] Dok.MG1 a fol.141 et seq
[8] Fol.139-140
[9] Fol.144
[10] Fol.49
[11] Fol.65
[12] Fol.60
[13] Fol.69
[14] Fol.81-82

lemaħ xi ħaġa ttir fid-direzzjoni tan-nies. Assista lil Ellul biex jiffirma l-applikazzjoni għall-permess tal-ħruq tan-nar.[15] **Charles Caruana** jixhed li x'ħin beda jinħaraq in-nar hu kien ħdejn min kien qed jieħdu ħsieb is-*sound* peress li xogħolu kien jieħu ħsieb li ħadd ma jikkaġuna ħsara lis-*sound system*.[16]

Għalkemm il-pulizija esibit l-applikazzjoni magħmulha minn Eddie Ellul u l-permess relattiv maħruġ mill-Pulizija, dan ma jindikax x'tip ta' nar kien ser jinħaraq:

*"Il-Magistrat: Fuq permessi dwar stoppini u Chinese cakes kellkhom xi haġa? Liema jiġu dawk?*
*Ix-Xhud: Nahseb li rooftops....*
*Il-Magistrat: Ok. Imkien mhemm miktub xi stoppini jew Chinese cakes.*
*Ix-Xhud: **Le**"*[17]

L-**Ispettur Bernard Spiteri** jsemmi li meta daħal ir-rapport u nbdew l-investigazzjonijiet hu kien mar fl-għalqa fejn kienu armati l-*scaffolding* li beda jinħaraq in-nar fuqhom u *"kien hemm sitt (6) persuni li kienu qeghdin jieħdu ħsieb il-ħruq tan-nar, in-nar kien diġà nħaraq, kien lest"*.[18] Jixhed li tnejn minnhom Camilleri u Borg kienu l-*licencee* u *"l-oħrajn kienu jassistu...qaluli li waqt li kienu qeghdin jaħarqu n-nar, dan kien ħareġ grupp ta' persuni minnhom li fuq il-bankina ta' fejn kien qed jinħaraq in-nar zammewħ ikklirjat minn nies"*. L-applikazzjoni saret minn Edgar Ellul iżda n-nar ma kienx inħaraq minnu. [19]

Għalkemm il-probabilita kbira hi li n-nar li pprovda Ellul kien l-istess nar li nħaraq minn Borg u Camilleri, dan ma ġiex pruvat mill-prosekuzzjoni sal-grad rikjest mill-ligi. Ellul xehed li "*Dan ix-xogħol ġarrejnieh lejn l-Marfa u wara telaq lejn Għawdex permezz ta' lanċa. Jien tajt over lil Stephen Borg u lil Edmond Camilleri....jiena ma tlajtx Għawdex waqt li kien qiegħed jinġarr ix-xogħol tan-nar...naf li x-xogħol tan-nar inġarr ghall-ġewwa l-kamra tan-nar magħrufa bħala 'ta' Toni tal-Għarb' fejn hemmhekk kellu jibqa jinżamm maħzun sakemm jiġi biex jinħaraq. Dan dejjem sar taħt skorta tal-pulizija."*[20] B'hekk il-prova li dak in-nar li l-espert Surġent Vella ikkonstata li ma kienx konformi mar-regolament - li jiddetta li stoppini ma jkunux ta' dijametru akbar minn 1cm - kien l-istess xogħol tan-nar li ipprokura Ellul, baqgħet **ma nġabitx**.

---

[15] Fol.73-74
[16] Fol.77-78
[17] Fol.120
[18] Fol.150
[19] Fol.151
[20] Fol.56 tergo-57

Ġaladarba l-imputazzjoni addebitata lill-imputati hi dik speċifika li **"ħarqu"** nar mhux konformi mar-regolamenti ċitati, l-unika għemil li seta' jinstab ħati tiegħu Ellul kien dak ta' kompliċita ai termini tal-artikolu 42(c)(d) tal-Kodiċi Kriminali:

> Persuna titqies kompliċi f'delitt jekk hija –
>
> (ċ) tkun tat armi, għodod jew mezzi oħra li jkunu ġew użati fl-egħmil tad-delitt, meta kienet taf li kellhom hekk jiġu użati; jew
>
> (d) għad li ma tkunx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ), b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat; jew

Prova ewlenija dwar jekk in -nar li nħaraq minn Borg u Camilleri kienx l-istess nar mibgħut minn Ellul, kellha tkun propju l-pulizija li jingħad li baqgħet skorta man-nar mal-mument li tgħabba minn Ellul u nħaraq minn Camilleri u Borg. Madanakollu dawn l-uffiċjali ma ttellawx jixhdu.

Hu minnu li quddiem l-espert Patrick Vella Stephen Borg jixhed li "*In-nar li kien qieghed jinharaq, jiġifieri c-Chinese cakes inxtraw kollha mingħand Eddie Ellul*".[21] Iżda in linea mar-regola desunta *a contrario sensu* minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, liema regola ġiet konstantement applikata mill-qrati tagħna, ko-akkuzat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkuzat ieħor biss wara li l-każ fil-konfront tiegħu jkun ġie definittivament deċiż.[22] Għalhekk dak li jixhed Borg ma jiswiex bi prova kontra Ellul. Jingħad ukoll li Borg jitkellem biss dwar ic-*Chinese cakes* u mhux dwar stoppini.

Il-provi wrew li **kienu biss Borg u Camilleri li effettivament kienu qed jaħarqu in-nar**. M'hemmx dubbju li dawn iż-żewġ persuni kienu tal-mestier, kienu liċenzjati bil-Liċenzja A u għalhekk konsapevoli li l-stoppini li kienu qed jaħarqu kienu ta' dijametru li kien akbar minn ċentimetru (1cm).

L-imputati l-oħra, għajr ghall-Ellul li lanqas biss kien Għawdex, kienu fit-triq u mhux fuq l-*scaffolding* fejn beda jinħaraq in-nar. Il-prosekuzzjoni naqset milli tipprova li Elton Cauchi, Trevor Vella, Anthony u Charles Caruana kellhom il-

[21] Fol.61

[22] Vide **Sua Maesta` il Re v. Carmelo Cutajar ed altri**, Qorti Kriminali, 18 ta' Jannar, 1927; **Il-Pulizija v. Toni Pisani**, Appell Kriminali, 11 ta' Novembru, 1944; **Il-Maesta` Tiegħu r-Rev. Karmenu Vella**, Qorti Kriminali, 3 ta' Diċembru, 1947; **The Police v. Alfred W. Luck et**, Appell Kriminali, 25 ta' April, 1949; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Faustino Barbara**, Appell Kriminali, 19 ta' Jannar, 1996; **Il-Pulizija v. Naser Eshtewi Be Hag et**, Appell Kriminali, 2 ta' Frar, 1996; **Il-Pulizija v. Carmelo Camilleri v. Theresa Agius**, Appell Kriminali, 11 ta' Lulju, 1997; u passim **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Zammit et**, Appell Kriminali, 31 ta' Lulju, 1998

*common design* rikjest biex issir il-prova tal-kompliċita tagħhom fir-reat mwettaq minn Borg u Camilleri kif kontemplat bl-artikolu 42(d) tal-Kodiċi Kriminali. Minn imkien ma rriżulta li kienu konsapevoli tal-ispeċifikazzjonijiet tan-nar li ġie maħruq minn sħabhom għalkemm il-Qorti tista' tippreżumi li hekk kien!

Dak rikjest biex tiġi soddisfaċċentement ippruvata l-kompliċita ġie spjegat mill-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lisa Pace, Omissis**:[23]

> Illi huwa sabbilit fl-gurisprudenza tagħna li biex persuna tinstab hatja bhala komplici jrid jirrisulta sodisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni – cioe` pruvat lil hinn mid-dubbju dettat mir-raguni – li din il-persuna (i) kienet taf li l-awtur tad-delitt ser iwettaq dak id-delitt u (ii) li hi deliberatament ghinitha biex hekk iwettaq d-delitt billi ghamet xi haga li tinkwadra f'wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali. Is-semplici fatt li dik il-persuna marret ma'l-awtur tad-delitt, u anke kienet fuq il-post waqt il-kommissjoni tad-delitt, ma jfissirx necessarjament li hija kienet taf x'kellhu f'mohhu. Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jigi kommess id-delitt tista' tammonta ghall-komplicita` f'dak id-delitt kemm-il darba jkun jirrisulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-ħsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt.[24]

**Profs. Anthony Mamo** jgħallem dan dwar il-*concursus delinquentium*:

> *A man may be held responsible for an offence, even though he may not have done the act which constitutes the offence, if he had done some other act which has helped towards the commission of the offence and had done the act in pursuance of a common design to commit that offence.*

Ikompli:

> *There cannot be a 'concursus delinquentium' without a common design to commit a specific offence. The general principle that a man is responsible for an offence only if the act was voluntarily and knowingly committed by him, applies to each of the parties to the offence*. …

Is-sempliċi fatt li l-imputati, li ma kienux fuq l-*scaffolding* jaħarqu n-nar, kienu jiffurmaw parti mill-grupp li ħa ħsieb ix-xogħol tan-nar li nħareġ permess lil Ellul biex jinħaraq 'minn fuq bjut' (mhux fuq *scaffolding*!!), ma jissodisfax il-vot li trid il-ligi fil-kamp penali. Bil-fatt li dawn kienu qed kienu qed jassistu lil xulxin billi jżommu n-nies distanzjati minn fejn kien qed isir il-ħruq u joperaw *sound system* ma jistax jitqies li huma kienu xjentement jgħinu jew jassistu lil Borg u Camilleri jaħarqu stoppini ta' dijametru akbar minn 1cm. Baqgħet ma tressqet l-ebda prova in sostenn tal-*concursus delinquentium* rikjest mill-ligi *sine qua non* sabiex tiġi pruvata l-kompliċita bejn min kien qed jaħraq in-nar u min kien fit-triq jew min issupplixxa n-nar li ġie maħruq.

---

[23] Per Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke, Deċiża 9 ta' Jannar 2012.
[24] Ref **Il-Pulizija vs Carmelo Agius**, Appell Kriminali, deċiż 24.05.2002

Fid-dawl ta' dawn il-provi l-ewwel imputazzjoni ġiet ippruvata biss fil-konfront ta' Stephen Borg u Edmond Camilleri.

It-Tieni Imputazzjoni

Irid jiġi mill-ewwel sottolinejat li t-tieni imputazzjoni, kif miġjuba, tiddipartixxi minn dak kontemplat fl-artikolu 225 moqri flimkien mal-artikolu 226 tal-Kodiċi Kriminali:

> 225. (1) Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, .....

Mhux talli l-imputati qed jiġu imputati bir-reat ta' offiżi involontarji kawżati b'nuqqas ta' ħsieb u traskuraġni, iżda wkoll b' *"nuqqas ta' ħila jew professjoni tiegħek"*[sic] meta l-ligi titkellem fuq nuqqas ta' ħila fl-arti tal-awtur.

Imbagħad ma jistax ma jiġix rilevat minn din l-istess Qorti kif in-nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, addebitat lill-imputati, ġew **limitati** għal dawk ir-regolamenti tat-traffiku meta d-diċitura tal-liġi ma teżiġi ebda kwalifika oħra. *Multo magis* ma tantx tagħmel sens din id-diċitura meta dan hu każ ċar ta' nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti dwar xogħlijiet tan-nar fejn it-traffiku ma jiffigura mkien.

Madanakollu, dan ma jimpinġix fuq il-mertu ta' din l-imputazzjoni peress li, kif jingħad aktar l-isfel, il-prosekuzzjoni tiskontra diffikultà akbar biex tipprova din l-imputazzjoni. Diffikultà legali li mhix relatata mal-lokuzzjoni tal-imputazzjoni msemmija.

*In-Natura tal-Offiża*

**Dr. Joseph Galea** ippreżenta *affidavit* li permezz tiegħu ikkonferma ċertifikat mediku maħruġ minnu. F'dan iċ-ċertifikat jingħad li kien eżamina lil Nigel Apap u sab li dan sofra ġrieħi ta' natura ħafifa *"sakemm ma jkunx hemm komplikazzjonijiet serji"*.[25]

**Nigel Apap** xehed quddiem l-espert Vella u spjega kif meta beda jinħaraq in-nar ra *"xi haġa taqbad ħamra, qisha flare fuq skala żgħira ...ġejja fid-direzzjoni tiegħi u f'daqqa waħda ħassejt ħruq f'idi"*.[26] Ikompli li ġie ċċertifikat li kien qed ibagħti minn *"slight injuries [recte: save] complications"*[27]

[25] Fol.136
[26] Fol.85
[27] Fol.86

**Dr. Jean Karl Soler** xehed fuq ċertifikat li nħareg lil Apap tlett snin wara l-inċident in kwistjoni. Dr. Soler ikkonstata li Apap kien sofra *"lezzjoni fuq l-ispalla ma nistax jiena naraha bħala grievous......ovvjament din tidher. Pero* ***ma nistax ngħidilha grievous ...ma tillimitax il-funzjoni tad-driegħ .....jiena m'għidtx li hija grievous*** *ta, bl-ebda mod jien ta, jiena* ***ghalija*** *light (recte* ***slight****)".*[28]Fl-aħħar tax-xiehda tiegħu Dr. Soler jixhed li bħala marka din kienet ser tibqa tidher u b'hekk kienet ħa tibqa permanenti.

Jigi sottolinejat li dakinhar li xehed Nigel Apap u wera l-'ferita' li ġarrab lil Qorti diversament preseduta, il-Qorti osservat li din kienet ***"De minimis, trid lenti biex taraha, bil-lenti tal-qrib".***[29] Dan jiġi kkonfermat mill-espert forensiku maħtur mill-Qorti, issa kif preseduta.

**Dr. Mario Scerri** fir-rapport tiegħu jiddeskrivi l-ferita mġarrba minn Apap bħala lezjoni fuq l-aspett medjali tat-tarf t'isfel (*distal end*) tad-driegħ tal-lemin u li *"**bl-ebda mod ma kkagunat diżabilità jew debulzza fil-forma, ghamla jew funzjoni u ma tidhirx from within talking distance".*** Fix-xiehda tiegħu Dr. Scerri jikklasifika dawn il-ġrieħi bħala **slight** tant li jiddeskrivi l-ġrieħi hekk *"il-leżjoni kulma kienet tikkonsisti f'hyperpigmentation ċar hafna, kważi kulur il-ġilda, illi hija* ***insinifikanti, ta' natura ħafifa****".*[30]

L-artikolu 226(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li l-piena għal offiżi involontarji ta' natura ħafifa hi dik stabbilita għall-kontravenzjonijiet.

Għaldaqstant m'hemmx dubbju li fir-rigward tat tieni imputazzjoni ddekorriet il-preskrizzjoni trimestrali. Di fatti dan ir-reat ilu li ġie preskritt mill-21 ta' Settembru, 2018, ferm qabel ma Apap talab il-ħruġ ta' imputazzjoni dwar offiżi gravi involontarji.

Hawnhekk il-Qorti ma tistax ma tiddeplorax il-fatt li minkejja li l-Pulizija kellha f'idejha c-ċertifikati maħruġa minn Dr. Galea u Dr. Gatt, kif jissemma anke fil-Current Inċident Report, għażlet li **tinkina mingħajr stħarriġ ulterjuri għal dak li talab Apap**[31]u konsegwentement ġiet miżjuda t-tieni imputazzjoni kif mitlub minnu; imputazzjoni li mill-ewwel kien ċar li kienet waħda minfuħa għall-aħħar.

[28] Fol.205
[29] Fol.208
[30] Xiehda tat-30 ta' Marzu, 2022.
[31] Xiehda Spettur Bernard Spiteri 30 ta' Marzu, 2022

Issir riferenza għal dak li rriteniet din il-Qorti kif preseduta fil-proċediment **Il-Pulizija vs Paul Spiteri et**, konsiderazzjonijiet li jsibu applikazzjoni għal każ in deżamina:[32]

> Il-Pulizija wkoll tkun qed tonqos serjament fid-doveri tagħha meta ma kull kwerela, taqbad u tintavola l-akkużi mingħajr imqar l-iċken investigazzjoni. Il-prosekuzzjoni għandha teżerċita dak id-dixxerniment mistenni meta tiġi biex takkuża persuna billi tiddistingwi każijiet li huma purament ta' natura ċivili minn dawk li huma ta' natura penali.
>
> Għalhekk qabel ma jiġu istitwiti proċeduri fil-konfront ta' persuna, ma hemm xejn li jostakola lill-pulizija milli tikkonsulta ma' esperti legali tagħha sabiex tikkonstata jekk hemmx każ fil-konfront ta' dik il-persuna. Ta' spiss qed jiġri li mal-ewwel rapport jew kwerela tittieħed azzjoni immedjata kontra individwi mingħajr ma jkun hemm konstatazzjoni tal-fatti, bid-deċiżjoni tintefa' f'ħoġor il-qorti anke f'każijiet bħal dan in deżamina fejn *ictu oculi* ma hemmx każ. Li bniedem jitressaq il-Qorti jiffaċċja imputazzjonijiet dwar xi reat hi esperjenza trawmatika, *multo magis* meta dak ir-reat igorr piena ta' priġunerija. Dan m'għandux ikun!
>
> Hi fid-diskrezzjoni tal-Pulizija tintavolax każ irrispettivament jekk hux qed tiġi mitluba tagħmel dan b'xi kwerela! Sta għaliha tiddeċiedi jekk tieħux passi ulterjuri! F'każ li jkun deċiż li l-kwerela mhix warda ġustifikata skond il-ligi m'għandhiex tmexxi. Imbagħad, kwalunkwe persuna li tħossha aggravata minn deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, f'każ li dan ma jmexxiex l-quddiem il-proċeduri meħtieġa, tista' tirrikorri ghall-proċeduri previsti bl-artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali.

Rigward il-piena, il-Qorti qieset in-natura tar-reat li dwaru qed tinstab ħtija fl-imputati Stephen Borg u Edmond Camilleri, iċ-ċirkostanzi tal-każ u senjatament li dan il-każ jirrisali għal erba' snin ilu.

Ġie kkunsidrat ukoll dak li jipprovdi l-artikolu 45Ċ tal-Ordinanza li jipprekludi lil din il-Qorti milli timponi miżura kontemplata bl-Att dwar il-Probation jew li tinfliġġi sentenza sospiża.

Għal dawn il-motivi, filwaqt li tiddikjara l-azzjoni mressqa fir-rigward tat-tieni imputazzjoni bħala waħda preskritta w kwindi hija estinta, qed tillibera mill-ewwel imputazzjoni lil Edgar Ellul, Elton Cauchi, Charles Caruana, Anthony Caruana u Trevor Vella, u wara li rat ir-regolament 14(b) w it-Tieni Skeda fil-Partita B(d) tar-**Regolamenti *dwar il-Kontroll ta' Xogħlijiet tan-Nar u Esplożivi oħra*** u l-artikoli 22, 29 u 31 tal- Ordinanza dwar l-Esplożivi, Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati Stephen Borg u Edmond Camilleri ħatja tal-ewwel imputazzjoni u tikkundannahom ħmistax il-elf ewro (€15,000) kull wieħed.

---

[32] 13 ta' Jannar, 2021; Seduta Distrett, Mosta

Il-Qorti hi prekluża milli tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 26B tal-Ordinanza dwar l-Esplożivi, Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan peress li dik id-dispożizzjoni, kuntrarjament għall-artikolu 40A tal-Ordinanza, tagħti s-setgħa li jissospendi liċenzja lil Kummissarju tal-Pulizija u mhux lil xi Qorti. Mill-banda l-oħra l-artikolu 40A tal-Ordinanza ma jsibx applikazzjoni ghall-każ in deżamina.

Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, qegħda tordna lill-Borg u Camilleri jħallsu l-ammont ta' **€835.21** kull wieħed rappreżentanti nofs tal-ispejjeż peritali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**